31977R1055

24.5.1977 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* L 128/1

IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KEE) Nru 1055/77

tas-17 ta' Mejju 1977

dwar il-ħażna u l-moviment ta' prodotti mixtrija minn aġenzija ta' intervent

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi il-Komunità Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 43 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew ([1]),

Billi f'ċerti kazi huwa essenzjali għall-aġenzija ta' intervent li taħżen prodotti mixtrija skond id-dispożizzjonijiet tal-Komunità, barra t-territorju ta' l-Istat Membru li taħt il-ġurisdizzjoni tiegħu tinstab;

Billi, madankollu, in vista ta' l-ispejjez addizzjonali li jistgħu hekk jiġu mġarba u l-problemi konnessi mar-rimi ta' tali oġġetti, tali ħażna għandha tiġi permessa biss bl-awtorizzazzjoni minn qabel mill-Komunità;

Billi, għall-iskop tas-sempliċità fl-amministrazzjoni u in vista tal-bżonn li jiġu evitati disturbi kummerċjali, makkinarju adegwat għandu jiġi mwaqqaf sabiex jiżgura li operazzjonijiet tat-trasport u ta' l-marketing fir-rigward tal-prodotti konċernati jipproċedu b'mod sempliċi u skond il-ħtieġa tas-suq; billi, fuq kollox, l-istess regoli jistgħu jiġu applikati fil-kaz tat-trasport ta' prodotti li jiġu ttrasferiti minn aġenzija ta' intervent għal oħra;

Billi l-implimentazzjoni ta' tali sistema teħtieġ li jkun hemm deroga mis-sistemi ta' ammonti mposti jew konċessi fin-negozju ta' prodotti agrikoli, u mis-sistema tal-prezz f'każi fejn l-aġenzija ta' intervent li żżomm il-prodott trid tapplika prezzijiet li m'humiex validi fit-territorju ta' l-Istat Membru li fil-ġurisdizzjoni tiegħu taqa',

([1]) ĠU C 259, ta' l-4.11.1976, p. 47.

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

1. Aġenziji ta' intervent m'għandhomx jaħżnu prodotti li huma jkunu xtraw skond id-disposizzjonijiet tal-Komunità barra t-territorju ta' l-Istat Membru li fil-ġurisdizzjoni tiegħu huma jaqgħu sakemm ma jkunux kisbu l-awtorizzazzjoni minn qabel skond il-proċedura pprovduta fl-Artikolu 4.

2. L-awtorizzazzjoni għandha tingħata jekk tali ħżin huwa essenzjali u meta jitqiesu dawn il-fatturi li ġejjin:

(a) possibiltajiet ta' ħażna u bżonnijiet ta' ħażna fl-Istat Membru li fil-ġurisdizzjoni tiegħu l-aġenzija ta' intervent taqa' u fl-Istati Membri l-oħra;

(b) kull spiża addizzjonali li tirriżulta minn ħażna fl-Istat Membru li taħt il-ġurisdizzjoni tiegħu l-aġenzija ta' intervent taqa' u mit-trasportazzjoni.

3. L-awtorizzazzjoni għall-ħażna f'pajjiz terz għandha tingħata biss jekk, fuq il-bażi tal-kriterji pprovduti fil-paragrafu 2, il-ħażna fi Stat Membru ieħor toħloq diffikultajiet sinjifikanti.

4. L-informazzjoni msemmija f'paragrafu 2 (a) għandha tiġi mfassla wara li jiġu kkonsultati l-Istati Membri kollha.

Artikolu 2

Id-dazji doganali u ammonti oħra li jiġu mgħotija jew imposti taħt il-politika agrikola komuni m'għandhomx japplikaw għall-prodotti:

— trasportati wara awtorizzazzjoni mogħtija taħt l-Artikolu 1, jew

— trasferiti minn aġenzija ta' intervent għall-oħra.

Artikolu 3

1. Kull aġenzija ta' intervent li tuża awtorizzazzjoni mgħotija taħt l-Artikolu 1 għandha tibqa' responsabbli għall-prodotti maħżuna barra t-territorju ta' l-Istat li taħt il-ġurisdizzjoni tiegħu taqa'.

2. Jekk prodotti miżmuma minn aġenzija ta' intervent barra t-territorju ta' l-Istat Membru li taħt il-ġurisdizzjoni tiegħu taqa' ma jiġux miġjuba lura f'dak l-Istat Membru, għandhom jiġu meħlusa bil-prezzijiet u taħt il-kondizzjonijiet stabbiliti jew li għandhom jiġu stabbiliti għall-post tal-ħażna.

Artikolu 4

Regoli għall-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, u partikolarment il-kondizzjonijiet ta' tneħħija, għandhom jiġu adottati skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 26 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2727/75 tad-29 ta' Ottubru 1975 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq fiċ-ċereali ([1]) jew, fejn xieraq, fl-Artikoli korrispondenti oħra tar-Regolamenti ta' l-agrikoltura li jistabilixxi proċeduri simili, jekk meħtieġ b'derogi mir-regoli tal-kummerċ, imma biss jekk strettament meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 5

L-Unjoni Ekonomika tal-Belġju u l-Lussemburgu għandha titqies bħala Stat Membru wieħed għall-iskopijiet ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 6

Skond il-proċedura pprovduta fl-Artikolu 4, miżuri temporanji jistgħu jkunu addottati sabiex iħaffu it-transizzjoni għas-sistema stabbilita f'dan ir-Regolament.

Artikolu 7

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara l-publikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Għandu japplika mill-ewwel jum tat-tielet xahar wara d-dħul fis-seħħ tiegħu.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fis-17 ta' Mejju 1977.

Għall-Kunsill

Il-President

J. SILKEN

([1]) ĠU L 281, ta' l-1.11.1975, p. 1.